# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2021

**Numru 13**

**Rikors Numru 976/21 TA**

**Land Owners Limited (C609)**

**vs**

**Alexander Bezzina magħruf bħala Bezzina Wettinger (KI 98670M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Alexander Bezzina magħruf bħala Bezzina Wettinger (ir-rikorrent) tal-1 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-risposta ta' Land Owners Limited (is-Soċjeta' intimata) tal-15 ta' Ottubru 2021;

Rat l-atti kollha u dokumenti li ġew presentati f'dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment fil-miftuħ;

**Ikkunsidrat**

Dak li qed jitlob ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri huwa r-revoka tal-mandat ta' żgumbrament mill-artijiet mertu ta' Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet premessi li permezz tagħha kważi kważi emfatikament, ir-rikorrent ġie ordnat jiżgombra minn dawn l-artijiet għaliex ma għandux titolu skont il-liġi biex jibqa' fl-okkupazzjoni tagħhom. F'dawn il-proċeduri r-rikorrent jitlob din ir-revoka abbażi tal-fatt li għandu titolu fil-liġi, vertenza li ġiet ikkunsidrata ad funditus fis-Sentenza fuq imsemmija !!!

Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jewxi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dakl-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmiengħaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodumsemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u danmhux iktar tard minn perjodu ta’ xahar mill-jum tal-preżentata.Appell minn digriet.*

*(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista’ jsirb’rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara’ fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.*

*(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta’ qabel dan.*

Sa fejn jirrigwarda l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta’ dan l-artikolu l-Qrati tagħna dejjem kienu ċari u konsistenti fid-dawl li l-istulfikazzjoni ta’ esekuzzjoni ta’ ġudikat għandha tkun evitata ħlief f’sitwazzjonijiet eċċezzjonalissimi.  Għalhekk dawn il-Qrati jgħallmu hekk:

*“ …r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta’ rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f’biċċa minnu, u dan “għal raġuni valida skond il-liġi”. Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x’tista’ tkun “raġuni valida” li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil- Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi*

*għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv."* (Ara **provvediment tal-20 ta` Ġunju 2012 fl-atti tar-rikors ta` Rose Marie Holland wara l-mandati ta` qbid (eżekuttivi) numri 1817/11 MB u 1818/11 MB fl-ismijiet: Victor Fenech et vs Anthony Fountain et u kif ukoll dak tal-Prim Awla GV tad-19 ta' Novembru 2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Kummissarju VAT -vs- Mark Grima et noe et** ).

Minn eżami, anke superfiċjali, ta' dawn il-proċeduri, ma tridx wisq biex tifhem li dak li qed jitlob ir-rikorrent assolutament ma jinkwadrax ruħu f'dan it-tagħlim. Il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent fehem, li din il-proċedura hija maħsuba għaliex skont hu għad għandu titolu, meta huwa kjarament ċar li dan il-punt ġie deċiż definittivament bis-Sentenza suċitata. Jekk ir-rikorrent għandu ilmenti dwar is-Sentenza għandu proċeduri oħrajn disponibbli biex jindirizzahom. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti tgħid f'hiex jikkonsistu għaliex ma tistax tagħti pariri lill-ebda parti, iżda żgur li mhux din il-proċedura idoneja għal dak li qed jimmira għalih. Hija ħasra li proċeduri li huma maħsub għal sitwazzjonijiet ta' natura eċċezzjonali, jintużaw b'dan il-mod għax kull ma jagħmlu hu li jżidu mal-ispejjes tal-parti li titlobhom.

**Provvediment**

Għaldaqstant, il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra tiegħu.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**